**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 2 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmelo Vella**
**(ID 301075(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carmelo Vella, 38 sena, iben Joseph u Filippa nee` Pace, imwieled il-Pieta` fis-26 ta' Gunju 1975 u joqghod Blk Q, Flat 1, Bini tal-Gvern, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 301075(M);

Akkuzat talli fis-26 ta' Gunju 2013, ghall-habta tas-1.15 a.m., gewwa l-hanut bl-isem Zoner's Pub, li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun (1) bhala licensee, direttur, manager jew sid tal-post jew substitute naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenza u dan bi ksur tal-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) talli zamm, ostakola, immolesta jew xort'ohra fixkel, jew ipprova jzomm, jostakola jimmolesta jew ifixkel xi ufficjal, impjegat jew agent tal-Awtorita` jew xi ufficjal tal-Pulizija, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet taghha u cioe` ta' WPS 24 Susanne Mifsud, jew naqas milli jaghmel dak li ragonevolment gie mitlub li jaghmel minn ufficjal tal-Pulizija u cioe` WPS 224 Susanne Mifsud milli jghinha fil-qadi tad-dmirijiet taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 43(1)(d) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) u aktar talli ppermetta d-daqq ta' muzika tghajjat,

strumenti tal-muzika u/jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment mhux skond il-licenza u dan bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.14, Reg. 12(1).

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, ikkunsidrat it-tielet imputazzjoni bhala kompriza u nvoluta fl-ewwel imputazzjoni u applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-pieni applikabbli ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 43(1)(b) u 43(1)(d) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 12(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15, kif ukoll l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' elfejn Euro (€2,000)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat